MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 382/2007

**Il-Pulizija**
**(Surg. J. Grima)**
**Vs**

**Dianne Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Gunju, 2007, naqset li taghti l-access lil zewgha Conrad Neil Gatt ta' bintu minuri Chayenne ta' 10 xhur, irrifjutat li taghmel dan minghajr ebda raguni xierqa, skond digriet numru 1040/2007 b'rikors numru 227/2007 mahrug fil-15 ta' Gunju, 2007 mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D (Qorti tal-Familja).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellanti hatja w ghaldaqstant ikkundannatha ghal gimgha (1) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-30 t'Ottubru, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni jew htija jew alternattivament tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti li tittratta s-sejbien ta' htija, timmodifika dik il-parti li tikkoncerna l-piena w timponi piena alternattiva ghal dik ta' detenzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti.

Rat il-verbal li bih fis-seduta tal-lum Conrad Gatt iddikjara illi s-sitwazzjoni ghall-access ghall-bintu recentement giet ghan-normali, w li konsegwentement, anki fl-interess ta' l-istess bintu, huwa ma jinsistix li jkun hemm piena karcerarja w li jkun sodisfatt jekk ikun hemm piena pekunjarja.

Rat id-dikjarazzjoni tal-appellanti li biha rtirat l-aggravji kollha taghha ghajr dak li jirrigwarda l-piena.

Fic-cirkostanzi u biex ma tezasperax is-sitwazzjoni mill-gdid bejn l-appellanti w zewgha jidher li jkun opportun illi l-appell jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha w tirrevokaha in kwantu kkundannata ghal piena ta' gimgha detenzjoni w minflok tikkundannaha ghal piena ta' ammenda ta' tmienja w hamsin Ewro w tlieta w ghoxrin centezmi (€ 58.23) ekwivalenti ghal hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) li jekk ma jithallsux illum stess jigu konvertiti

f'hamest ijiem detenzjoni skond il-ligi w in oltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali t'obbliga lill-appellanti li taghti access bla ebda restrizzjoni skond id-digrieti tal-Qorti kompetenti li minnha nghataw lill-zewgha ghall-minuri Chayenne Gatt ghal zmien sena mill-lum taht penali ta' mitejn tnejn u tletin Ewro w tnejn u disghin centezmu (€ 292.92) ekwivalenti ghall-mitt lira Maltin (LM100) fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------